**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 30.1.11: IR-RABA ĦADD MATUL IS-SENA.**

## JUM IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI

## JUM IL MORDA BIL-LEBBRA.

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġwann Bosco, patrun tat-Tfal u taż-Żgħażagħ, illum qed jinżamm Jum iċ-Ċentru Parrokkjali.

Ikun hemm attivita' għaż-Żgħażagħ fiċ-Ċentru Parrokkjali

**Fil-10.30a.m.** Quddiesa bis-sehem taż-Żgħażagħ

**KORS GĦAL-LETTURI**

Illum il-Ħadd, se nkomplu l-laqgħat tal-Kors għal-Letturi u Animaturi tal-quddies.

Il-Ħin ikun fil-**11.15a.m.** fis-Sala tad-Dar Parrokkjali.

Nistiednu lil-letturi, animaturi, saċerdoti u anke dawk li jixtiequ jibdew jaqraw il-kelma ta' Alla fil-knisja biex jieħdu sehem f'dan il-Kors.

**IT-TNEJN, 31.1.11: Festa ta' San Ġwann Bosco** patrun tat-Tfal u taz-Zghazagh.

**L-ERBGĦA, 2.2.11: FESTA TAL-PREŻENTAZZJONI TAL-MULEJ.**

**JUM IL-ĦAJJA KKONSAGRATA**

Nitolbu għall-persuni li għażlu l-Ħajja Kkonsagrata.

Mons. Isqof se jqaddes fil-Katidral fis-6.00p.m. għall-Persuni Reliġjużi u Lajċi Kkonsagrati.

**FIS-6.00p.m.** Quddiesa li fiha ssir il-preżentazzjoni tal-kandidati għas-Sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma. Il-Ġenituri huma mitluba li jkunu preżenti biex jippreżentaw lill-uliedhom, u jagħmlu t-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija.

**IL-ĦAMIS, 3.2.11: L-EWWEL ĦAMIS TAX-XAHAR**

**Fis-7.00a.m.** Ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.

**Fis-6.00p.m.** Konċelebrazzjoni mis-saċerdoti tal-parroċċa biex ifakkru l-ordinazzjoni w t-twaqqif tal-Ewkaristija. Fil-quddiesa jsir ukoll talb bis-salmi flimkien mal-ġemgħa.

**IL-ĠIMGĦA, 4.2.11: L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR**

Illum ikun hawn l-Adorazzjoni quddiem Ġesu Ewkaristija mit-8.00a.m. Sal-11.00a.m. u mis-2.30p.m. 'l quddiem.

**Fis-6.00p.m.** Se jinżamm Seminar Liturġiku Djoċesan li se jsir fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Munxar. Il-membri tal-Kumitat tal-Liturġija huma mistieden u anke dawk interssati.

**Fit-8.00p.m.** Quddiesa għall-Gradwati u Professjonisti fil-knisja ta' Santu Wistin, Victoria. Qabel il-quddiesa ikun hemm is-servizz tal-qrar.

**IS-SIBT, 5.2.11: Fit-8.30a.m.** Se jsir Seminar fl-Arka Foundation Għajnsielem dwar il-problemi ta' Autism.

**Fil-4.30p.m.** Mons Isqof se jmexxi ċelebrazzjoni li fiha jiġu ppreżentati t-trabi fis-Santwarju Ta' Pinu' Il-ġenituri li jixtiequ jippreżentaw lill-uliedhom għandhom ikunu fil-ħin fis-Santwarju.

**Fis-7.30p.m. LAQGĦA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

Din se tkun fiċ-Ċentru Parrokkjali u tkun miftuħa għaż-Żgħażagħ kollha.

Se tkun tikkonsisti f'diskussjoni dwar l-abbuż tad-droga u tkun immexxija mill-membri tal-pulizija.

Nistiednu liż-Żgħażagħ kollha biex jieħdu sehem.

**IL-ĦADD, 6.2.11: IL-ĦAMES ĦADD MATUL IS-SENA**
**JUM IL-ĦAJJA.**

**Il-GABRA GĦALL-ART IMQADSA** kienet is-somma ta' €596. Grazzi ħafna.

**IL-ĠABRA TAL-LUM** fil-knisja se tkun għall-missjoni fil-Honduras fejn hemm Isqof ġdid minn Għawdex.